# AQUATIC SPORTS ASSOCIATION OF MALTA

## KODICI TAD-DIXXIPLINA

### SEZZJONI A

### DEFINIZZJONIJIET U REGOLAMENTI GENERALI

**ARTIKLU 1. DEFINIZZJONIJIET**

F'dan il-Kodici, kull fejn jidher is-singular jinkludi l-plural u kull fejn jidher il-maskil jinkludi l-femminil.

**i. *Club***
*Club* huwa *Club* affiljat mal-A.S.A..

**ii. *Player***
Ghal *Waterpolo*, *player* hu dak l-individwu li ismu jidher fuq *line-up* ta' *team* jew *match-card* ghal loghba partikolari. Ghal avveniment tal-ghawm, *player* hu dak l-individwu li jkun qieghed jippartecipa f'tellieqa jew *Swimming Meeting* jew *Championship*. Individwu jitqies bhala *player* biss waqt il-partecipazzjoni, jigifieri, fil-hin immedjatament qabel, waqt u immedjatament wara l-avveniment in kwistjoni, sakemm ikun qiehed fil-vicinanza jew gewwa l-post fejn gie organizzat l-avveniment (*precincts of the pool*). Ghal finijiet ta' dan il-Kodici, dak l-individwu li huwa rregistrat mal-ASA bhala membru attiv ta' *Club,* sew jekk ismu ma' jidhirx fuq xi *line-up* sew jekk il-club tieghu ma jkunx qed jiehu sehem, ghandhu jitqies bhala *player.*

**iii. Ufficjal ta' *Team***
Ghal *Waterpolo*, ufficjal ta' *team* hu dak l-individwu li ismu jidher fuq *line-up* ta' team jew *match-card* u qieghed jakkompanja t-*team* ghal loghba partikolari. Ghal avveniment tal-ghawm, ufficjal ta' *team* hu dak l-individwu li jkun qieghed jakkompanja xi *player*. Individwu jitqies bhala ufficjal ta' *team* biss waqt il-partecipazzjoni, kif spjegat hawn fuq.

**iv. Membru tal-Kumitat ta' *Club***
Membru tal-Kumitat ta' *Club* hu dak l-individwu li jifforma parti mill-kumitat, sotto-kumitat jew xi *board* ta' *Club*.

**v. Ufficjali tal-A.S.A.**
Ufficjali tal-A.S.A. huma l-membri tal-Kunsill tal-A.S.A., membri ta' bordijiet tal-A.S.A., *referees*, *goal-judges*, membri tas-segretarjat, *judges*, *time-keepers*, *starters*, ecc.. Huma nkluzi wkoll il-Kummissarji Unici tad-Dixxiplina, kif ukoll dawk il-persuni mahtura bhala delegati ghal attivitajiet tal-A.S.A. mill-Kunsill.

**vi. *Restricted Area***
F'pixxina, ir-*restricted area* hi l-*pool deck.*. F*'pitch*, ir-*restrcted area* tikkonsisti f'dawk l-inhawi riservati ghar-*referee* u *goal-judges*, ghas-segretarjat tal-loghba u ghall-*players* u l-ufficjali ta' *teams*. Waqt loghob ta' *Waterpolo*, il-persuni li huma awtorizzati li jidhlu fir-*restricted area* huma dawk il-persuni li isimhom jidher fuq il-*match-card*. Waqt l-Ghawm il-persuni awtorizzati huma kif deciz mis-*Swimming Board*.

**vii. *Supporter***
*Supporter* ta' *Club* huwa individwu li jkun qed jipparteggja ghal dak il-*Club* partikolari, sew jekk ikun membru ta' dak il-*Club* u anki jekk ma jkunx. Individwu, mhux fil-*precincts of the pool*, li jagredixxi ufficjal tal-A.S.A., Ufficjal ta' *Club*, membru tal-kumitat ta' *Club*, jew *player*, huwa *supporter*. Individwu li jagredixxi *premises* ta' *Club* huwa wkoll *supporter*.

**viii. Filmati**
Il-Kummisarju tad-Dixxiplina jista' jaghmel uzu min filmati tal-loghob meta jkun hemm dubju mill-identifikat tal-individwu li jkun ir-rapportat li wettaq xi ksur tar-regolamenti jew xi reat. Il-Kummisarju tad-Dixxiplina ma' ghandhux jaghti kaz ta' xi reati li jista' jinnota waqt il-vizjoni tal-filmati jekk dawn ma' jkunux jifformaw parti mil-kaz.

**ARTIKLU 2. SOSPENSJONIJIET**

**i. Data effettiva ghall-Bidu ta' Sospensjoni**

a. Meta individwu jew *Club* jigi sospiz minn kull attivita' tal-A.S.A. ghal perjodu li ma jkunx ta' aktar minn sena, il-jum li fih tibda ssehh is-sospensjoni jigi ffisat mill-Kummisarju Uniku jew mill-Bord kompetenti, skond il-kaz, fl-ghoti tas-sentenza.
b. Sospensjoni ta' loghbiet tkun effettiva immedjatament li tinqata' s-sentenza.

**ii. Sospensjoni sa tmiem l-istagun**
Sospensjoni sa tmiem l-istagun titqies skontata immedjatament qabel il-bidu tal-Laqgha Annwali Generali tal-A.S.A. li tmiss.

**iii. Sospensjoni minn Kull Attivita' tal-A.S.A.**

Fil-perjodu li individwu jkun taht sospensjoni minn kull attivita' tal-A.S.A., hu

a. ma jistax jattendi ghal xi Laqgha Generali tal-A.S.A.;
b. ma jistax jifforma parti mill-Kunsill;
c. ma jkunx eligibli li jippartecipa (kemm bhala player kif ukoll bhala ufficjal ta' team) fill-kompetizzjonijiet kollha organizzati mill-A.S.A. u attivitajiet ohra kollha organizzati taht l-awspici tal-A.S.A;
d. ma jistax jidhol, jew jkun fil-vicinanza tal-pixxina jew f'*pitch* waqt attivita' tal-A.S.A (Dan l-artiklu ma japplikax ghal *players u ghal-coaches sakhemm ma' jkunx decis kontra minn xi Tribunal jew il-Kunsill*);
e. ma jkunx eligibli li jifforma parti mill-Kumitat ta' xi *Club*;
f. ma jistax ikun delegat tal-*Club*.

**iv. Sospensjonijiet ta' Loghbiet**

a. Sospensjonijiet ta' loghbiet jigu skontati f'dik il-kompetizzjoni li fiha tkun saret l-offiza. Il-kompetizzjonijiet tal-*League* Nazzjonali (*preliminary round* u *final round 1st & 2nd Div)* u tan-*Knock Out* tal-istess kategorija jitqiesu bhala l-istess kompetizzjoni. Il-kompetizzjoni tax-xitwa hi kompetizzjoni separata mill-kompetizzjonijiet Nazzjonali tal-*Waterpolo*. F'kompetizzjonijiet tal-Ghawm, loghba hi ekwivalenti ghal event wiehed f'meeting partikolari.
b. Meta sospensjoni ta' loghbiet f'*tournaments* organizzati mill-A.S.A. jew *Clubs* ma tilhaqx tigi skontata fl-istess tournament, kull loghba sospensjoni li jkun fadal tinbidel f' multa ta' Eur 47 minbarra meta dawn jikkoncernaw l-Ghaqda Kittieba Sports u l-President's Cup; f'dawn il-kazi, s-sospensjonijiet jigu skontati fil-kampjonat nazjonali tal-water polo kurrenti.

c. Meta sospensjoni ta' loghbiet ma tilhaqx tigi skontata fl-istagun kurrenti, din ghandha tigi skontata fl-istagun ta' wara fl-istess kompetizzjoni. Fil-kaz li l-Club tal-player sospiz ikun gie promoss jew relegat, jew il-*player* sospiz ikun biddel il-*Club* tieghu ma iehor ta' divizjoni differenti, il-bilanc tas-sospensjoni jigi skontat fid-divizjoni l-gdida.
d. Fil-kaz li *player* jehel sospensjoni ta' loghbiet f'kompetizzjoni b'*age-group*, u ma jilhaqx jiskonta l-piena fl-istagun li jkun wehilha, u fl-istagun ta' wara ma jkunx ghadu eligibli li jippartecipa fl-istess *age-group* jew il-*Club* tieghu ma jippartecipax fil-kompetizzjonijiet ta' dak l-*age-group*, il-piena ghandha tigi skontata jew fil-kompetizzjonijiet tal-*age group* il-gdid tal-*player* (jekk jezistu u jekk il-*Club* li mieghu il-player jilghab jippartecipa fihom) jew fl-ewwell kompetizjoni ta' l-ASA, li l-*player* jkun eligibli jippartecipa.

**v. Effett ta' Sospensjoni ta' *Club* fuq Membri tal-Kunsill**

Meta *Club* jehel sospensjoni minn kull attivita' tal-A.S.A., il-Membru tal-Kunsill (u s-sostitut tieghu), li jkun gie nnominat minn dak il-*Club* jibqa Membru tal-Kunsill izda jitlef id-dritt li jivvota kemm f'Laqghat tal-Kunsill kif ukoll f'Laqghat Generali tal-A.S.A. sakemm il-*Club* ikun ghadu sospiz.

**vi. Sospensjonijiet minn Assocjazzjonijiet Nazzjonali Ohra u dawk Internazjonali**

L-A.S.A. tirrikonoxxi sospensjonijiet jew mizuri ohra ta' dixxiplina imposti minn:

a. **Mill-FINA** u Assocjazzjonijiet jew Federazzjonijiet ohra afflijati mall-F.I.N.A.
b. Assocjazzjonijiet jew Federazzjonijiet lokali li huma preparati li jirrikonoxxu s-sospensjonijiet jew mizuri ohra ta' dixxiplina tal-A.S.A..

**vii. Passi Dixxiplinarji mehuda minn *Clubs***

a. *Club* jista' jiehu azzjoni dixxiplinarja kontra *players* irregistrati mieghu. *Club* ghandu d-dritt li jirreferi kwalunkwe kaz lill-Kunsill tal-A.S.A.
b. Taht piena ta' nullita, tali azzjoni hi irregolata kif gej:
   i. Il-*player* ghandu jigi informat formalment bl-akkuza li ser tingieb kontra tieghu, u bid-data, hin u post fejn ser isir is-smiegh;
   ii. Il-kaz ghandu jinstema' quddiem laqgha tal-Kumitat tal-*club* (jew Bord mahtur mill-Kumitat tal-*club*) u jkun irid jifforma parti mill-agenda tal-istess laqgha kif din tkun giet iccirkolata lil membri;
   iii. Il-*player* ghandu d-dritt li jkun prezenti waqt il-prezentazzjoni tal-kaz u ghandu d-dritt li jkun assistit minn persuna tal-fiducja tieghu;.
   iv. Il-*player* ghandu d-dritt li jiiprezenta kaz ta' difiza u li jtella' xhieda u evidenza, izda ma ghandux id-dritt li jkun prezenti waqt li l-Kumitat ikun qieghed jiddelibera fuq il-fatti kif ikunu gew prezentati;
   Il-decizjoni tal-Kumitat ghandha titnizzel fil-minuti tal-laqgha, u l-*player*, kif ukoll l-A.S.A. ghandhom jigu nfurmati bid-decizjoni bil-miktub mill-aktar fis; il-player u/jew il-Club ghandhu d-dritt li jitlob li l-kopja tad-decisjoni ghand l-ASA tkun sigilata.

   v. Il-passi dixxiplinarji ghandhom ikunu skond l-Istatut tal-*club*, u/jew skond xi regolamenti ohra ippublikati tal-*club* u/jew skond il-kuntratt jew ftehim ta' bejn il-*club* u l-*player* u/jew skond dan il-Kodici, bil-provvediment li sospensjoni ghandha tkun ghal perjodu definit li ma jistax jestendi sa

wara t-tmiem tal-istagun li fih tigi imposta s-sospensjoni, u li multa ma tistax tkun ta' ammont li jkun akbar mil-paga annwali tal-*player*;

vi. Il-*player* ghandu d-dritt li jappella d-decizjoni quddiem il-Bord tal-Appelli tal-A.S.A., skond it-*Terms of Reference* ta' dan il-Bord.

**ARTIKLU 3. RICEDIVI**

Jitqies bhala ricediv dak l-individwu jew *Club* li jinstab hati li kkommetta xi offiza wara li jkun gie misjub hati tal-istess offiza jew ta' offiza simili matul l-istagun kurrenti, u fl-istagun ta qabel. Fil-kaz li imputat ikun ricediv, il-piena ghall-offiza tkun dik stipulata f'dan il-Kodici ghal dik l-offiza partikulari, u multa addizzjonali ta' Eur 95. Jekk l-offiza tkun saret min player fil-kompetizjoni ta l-age group il-multa addizjonali tkun ta' Eur 40. Jekk l-imputat ikun *player*, din il-multa addizzjonali tista' tigi mibdula f'sospensjoni ta' loghba fuq talba bil-miktub tal-*Club* tieghu, bir-rata ta' loghba ghal kull Eur 47. Il-*player* jitqies li hu sospiz minn kull attivita' tal-A.S.A. sakemm tithallas il-multa addizzjonali jew il-*Club* tieghu jaghmel it-talba bil-miktub.

Fil-kaz illi l-istess individwu jew *Club* jikkommetti l-istess offiza jew offiza simili aktar minn darbtejn matul l-istagun kurrenti, il-piena ghat-tielet, ir-raba', ecc., offiza tkun il-multa addizzjonali msemmija fuq, u id-doppju tal-pieni stipulati f'dan il-Kodici ghal dik l-offiza partikulari.

**ARTIKLU 4. REGOLAMENTI GENERALI**

**i. Offiza minn Membru tal-Kumitat ta' *Club***
Membru tal-Kumitat ta' *Club* li jinstab hati ta' xi offiza jehel piena personalment kif stipulat f'dan il-Kodici. Barra min hekk, il-Club li tieghu il-persuna koncernata tkun membru tal-Kumitat jehel piena bhal li kieku l-offiza saret minn *supporter* tal-istess *Club*, bil-kundizzjoni li l-incident jitqies li hu ta' gravita akbar. Dan l-artiklu ma japplikax f'kazi ta' korruzzjoni.

**ii. Offiza minn *Player* Mhux Identifikat**
Fil-kaz illi ssir offiza minn *player* li ma jkunx jista' jigi identifikat, il-piena relattiva jehilha il-*captain* tat-*team* tal-*player* bhal li kieku dik l-offiza saret mill-istess *captain* tat-*team*. F'dan il-kaz, l-incident ma jitnizzilx fir-rekord tal-kondotta.

**iii. Tnaqqis ta' Punti**
Tnaqqis ta' Punti isir f'dik il-kompetizzjoni li fiha tkun saret l-offiza. Jekk il-kompetizzjoni tkun *Knock-Out*, il-*Club* jibda il-*league* tal-kategorija partikolari li jmiss bil-punti mnaqqsa.

**iv. Multi**
Individwu jew *Club* li jehel multa jitqies li hu sospiz minn kull attivita' tal-A.S.A. sakemm ihallas il-multa.

**v. Danni**
Minbarra li jehel il-pieni kif stipulat f'dan il-Kodici, kull individwu jew *Club* irid jaghmel tajjeb ghal xi danni jew hsarat kwantifikabbli li jkunu saru bhala konsegwenza diretta tal-offiza. Fil-kaz ta' hsara minn *supporters*, il-*Club* li ghalih is-*supporters* ikunu qed jippartegjaw hu responsabbli ghad-danni. Individwu jew *Club* li jehel id-danni jitqies li hu sospiz minn kull attivita' tal-A.S.A. sakemm ihallas l-ispejjez.

**vi. Multi Jew Danni Mhux Imhallsa**
Jekk, sa tmiem stagun, player, ufficcjal ta' *team*, jew membru tal-Kumitat ta' *Club* ma jkunx ghadu hallas xi multa jew danni li jkun wehel, il-multa jew danni jsiru r-responsabilita' tal-*Club* rispettiv u l-*Club* jitqies li ghandu jhallas il-multa jew danni bhal li kieku kien il-*Club* innifsu li wehel il-multa jew danni.

**vii. Offizi Mhux Imsemmija f'dan il-Kodici**
Jekk issir offiza li mhix imsemmija f'dan il-Kodici, ghandha tinghata piena ibbazata fuq l-ispirtu tal-Kodici u in konfirmita' mal-principji tal-haqq u tas-sewwa.

**viii. Multi ghal Player ta' jew taht is-sbatghax il-sena**
*Player* ta' eta ta' jew taht is-sbataghax (17) il sena, jigifiri li fil-31 ta' Dicembru ta' dik is-sena ta' l-incident ma' jkunx qabez l-eta' ta' 17-il sena, m'ghandux jigi ppenalizzat b'multi izda b'sospensjoni ta' loghob jew perijodu taz-zmien. Fejn f'dan il-kodici jidhru multi u sospensjonijiet, il-Kummissarju tad-dixxiplina ghandu japplika sospensjoni ta' loghob jew perijodu ta' aktar mil-minmum.

**ix – Feriti Gravi**
Kull meta jkun hemm nuqqas ta' bdil fuq l-interpretazjoni ta' Feriti Gravi fil-kuntest ta' dan il-Kodici, ghandha issir riferenza ghal Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, Titolu VIII, Sub-Titolu II, Offizi Voluntarji fuq il-Persuna, u partikolarment Artikolu 216 u 217.

**ARTIKLU 5. EMENDI TAL-KODICI**

Dan il-Kodici jista' jigi emendat qabel kull stagun mill-Kunsill tal-A.S.A..

**SEZZJONI B**

# OFFIZI U PIENI

## ARTIKLU 1. OFFIZI FIL-KONFRONT TA' UFFICJAL TAL-A.S.A.

**i. Feriti Gravi jew Attentat ta' Feriti Gravi**

a. Jekk l-imputat b'xi mod jew iehor ikkaguna ferita gravi jew jittanta li jikkaguna ferita gravi;

b. Fil-kaz li l-imputat hu
   i. *player*: jehel sospensjoni ghal ghomru minn kull attivita' tal-A.S.A.;
   ii. ufficjal ta' *team*: bhal *player*;
   iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: bhal *player*.

**ii. Uzu ta' Oggetti**

a. Jekk l-imputat
   i. uza xi oggett li huwa potenzjalment perikoluz jew li jista' jikkawza sfregju (per ezempju, gebla, flixkun tal-hgieg, jew xi oggett iehor iebes, ecc.) bhala arma;

b. Fil-kaz li l-imputat hu
   i. *player*: jehel multa ta' Eur 250 u sospensjoni ta' mhux anqas min sena sa massimu ta' hames snin minn kull attivita' tal-A.S.A.;
   ii. ufficjal ta' *team*: bhal *player*;
   iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: multa ta' Eur 500 u sospensjoni ta' hames snin min kull attivita' tal - ASA

c. Jekk l-imputat
   i. uza bhala arma, jew tefa', jew miss b'xi oggett li m'huwiex potenzjalment perikoluz (per ezempju, beritta, flixkun tal-plastic vojt, ecc.);

d. Fil kaz li l-imputat hu
   i. *player*: jehel multa ta' Eur 200 u sospensjoni ta' hmistax il-gurnata minn kull attivita tal-ASA
   ii. ufficjal ta' *team*: multa ta' Eur 250 u sospensjoni sa massimu ta' erba' xhur minn kull attivita' tal-A.S.A.,
   iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: jehel multa ta' Eur 300 u sospensjoni sa massimu ta' sitt xhur kull attivita' tal-A.S.A.

**iii. Attentat ta' Uzu ta' Oggetti**

a. Jekk l-imputat ittanta li jaghmel l-offiza msemmija fl-artiklu ii (a) precedenti;

b. Fil-kaz li l-imputat hu
   i. *player*: jehel multa ta' Eur 233 u sospensjoni ta' mhux anqas min tlett xhur, sa massimu ta' sentejn minn kull attivita' tal-A.S.A;
   ii. ufficjal ta' *team*: bhal *player*;
   iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: jehel multa ta' Eur 350 u sospensjoni ta' mhux anqas min sena, sa massimu ta' tliet snin min kull attivita' tal-ASA Jekk l-imputat ittanta li jaghmel l-offiza msemmija fl-artiklu ii (c) precedenti;

d. Fil-kaz li l-imputat hu
   i. *player*: jehel multa ta' Eur 70 u sospensjoni ta' gimgha minn kull attivita' tal-A.S.A;
   ii. ufficjal ta' *team*: multa ta' Eur 140 u sospensjoni ta' mhux anqas min gimgha, sa massimu ta' xhar minn kull attivita' tal-A.S.A.,
   iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: jehel multa ta' Eur 186 u sospensjoni ta' mhux anqas min xhar sa massimu ta' tlettt xhur kull attivita' tal-A.S.A.

**iv. Brutalita'**

a. Jekk l-imputat
   i. uza vjolentement kwalunkwe parti ta' gismu (saqajh, idejh, rasu, snienu, ecc), jew
   ii. kien kagun li xi ufficjal tal-A.S.A. spicca fl-ilma, jew
   iii. tefa' u laqat lill xi hadd b'xi oggett li huwa potenzjalment perikoluz jew li jista' jikkawza spregju, jew
   iv. miss b'xi oggett li huwa potenzjalment perikoluz jew li jista' jikkawza sfregju;

b. Fil-kaz li l-imputat hu
   i. *player*: jehel multa ta' Eur 250 u sospensjoni ta' mhux anqas min sena sa massimu ta' sentejn minn kull attivita' tal-A.S.A.
   ii. ufficjal ta' *team*: bhal *player*;
   iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: jehel multa ta' Eur 400 u sospensjoni ta' mhux anqas min sena sa massimu ta' tliet snin min kull attivita tal-ASA

**v. Attentat ta’ Brutalita’**

a. Jekk l-imputat ittanta jaghmel l-offiza msemmija fl-artiklu precedenti waqt il-loghba u fl-intervalli tal-loghba u ghalhekk jitkecca mir-referee ghall- kumplament tal-loghba “with substitution”

b. Fil-kaz li l-imputat hu

i. *player*: jehel sospensjoni ta' mhux anqas minn zewg loghbiet sa massimu ta’ erba loghbiet fil-loghob tal-Age Group; multa ta’ Eur 150 u sospensjoni ta’ minimu ta’ zewg loghbiet sa’ massimu ta sitt loghbiet f’kull loghob iehor

ii. ufficjal ta' *team*: jehel multa ta' Eur 200 u sospensjoni ta’ ta’ mhux anqas min hmistax il-gurnnata sa massimu ta' xahrejn minn kull attivita' tal-A.S.A.;

iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: multa ta’ Eur 350 u sospensjoni ta’ mhux anqas min xahrejn, sa massimu ta' sena wahda minn kull attivita' tal-A.S.A.

**vi. Mgieba Hazina jew Aggressiva**

a. Jekk l-imputat

i. gab ruhu b'mod aggressiv, jew

ii. xarrab lil xi ufficjal tal-A.S.A, jew

iii. hedded lil xi ufficjal tal-A.S.A., jew

iv. immalafama lil xi ufficjal tal-A.S.A., jew

v. bezaq fid-direzzjoni ta' xi ufficjal tal-A.S.A. (sew jekk laqtu jew ma laqtux), jew

b. Fil kaz li l-imputat hu

i. *player*: jehel multa ta’ Eur 116 u sospensjoni ta' hmistax il-gurnata minn kull attivita tal-ASA

ii. ufficjal ta' *team*: multa ta’ Eur 186 u sospensjoni ta’ mhux anqas min hmistax il-gurnata, sa massimu ta' erba' xhur minn kull attivita' tal-A.S.A.,

iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: jehel multa ta’ Eur 233 u sospensjoni ta’ mhux anqas min erba’ xhur, sa massimu ta' sitt xhur kull attivita' tal-A.S.A.

**vii. Dizapprovazzjoni, Insolenza, Oxxenita, Gesti u Rimarki**

a. Jekk l-imputat

i. wera dizapprovazzjoni ghal xi decizjoni, jew

ii. kien insolenti, jew

iii. ghadda rimarki, jew

iv. tkellem oxxen jew vulgari, jew

v. ghamel gesti jew mossi vulgari jew ta’ ezempju hazin,

b. Fil kaz li l-imputat hu

i. *player*: jehel sospensjoni ta’ loghba fil-loghob tal-Age Group u Eur 47 fil-loghob iehor.

ii. ufficjal ta' *team*: jehel multa ta' Eur 116 u sospensjoni ta' gimgha minn kull attivita' tal-A.S.A.;

iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: multa ta' Eur 186 u sospensjoni ta' gimghatejn minn kull attivita' tal-A.S.A.

**viii. Dizapprovazzjoni, ecc., meta dawn Jikkonstitwixxu Att Gravi**

a. L-offizi ikkontemplati fl-artiklu precedenti jikkostitwixxu att gravi, meta dawn isiru fil-konfront:

i. ta’ xi wiehed mill-Ufficjali tal-A.S.A. (cioe’, Il-President, il-Vici-Presidenti, is-Segretarju Generali u t-Tezorier Onorarju), jew

ii. ta’ xi Ufficjal tal-Mejda ta’ xi loghba

b. Fil kaz li l-imputat hu

i. *player*: jehel sospensjoni ta’ tlett loghobiet fil-loghob tal-Age Group; Eur 116 fil-loghob liehor u sospensjoni ta' hmistax il-gurnata minn kull attivita tal-ASA.

ii. ufficjal ta' *team*: jehel multa ta' Eur 186 u sospensjoni ta’ mhux anqas min hmistax, sa massimu ta' xahar minn kull attivita' tal-A.S.A.;

iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: jehel multa ta' Eur 233 u sospensjoni ta’ mhux anqas min xhar, sa massimu ta' xahrejn minn kull attivita' tal-A.S.A.

## ARTIKLU 2.

## OFFIZI FIL-KONFRONT TA' *PLAYER*, UFFICJALI TA' *TEAM*, MEMBRI TAL-KUMITAT TA' *CLUB* JEW SPETTATURI

**i. Feriti Gravi jew Attentat ta' Feriti Gravi**

a. Jekk l-imputat b'xi mod jew iehor ikkaguna ferita gravi jew jittanta li jikkaguna ferita gravi;

b. Fil-kaz li l-imputat hu

i. *player*: jehel multa ta' Eur 233 u sospensjoni ta' mhux anqas min sena sa massimu ta' tliet snin minn kull attivita' tal-A.S.A.;

ii. ufficjal ta' *team*: bhal *player*;

iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: multa ta' Eur 350 u sospensjoni ta' mhux anqas min sentejn sa massimu ta' hames snin minn kull attivita tal-ASA.

**ii. Uzu ta' Oggetti**

a. Jekk l-imputat

i. uza xi oggett li huwa potenzjalment perikoluz jew li jista' jikkawza spregju (per ezempju, gebla, flixkun tal-hgieg, zarbun, ecc.) bhala arma;

b. Fil-kaz li l-imputat hu

i. *player*: jehel multa ta' Eur 233 u sospensjoni ta' tlettin gurnata minn kull attivita' tal-ASA;

ii. ufficjal ta' *team*: jehel multa ta' Eur 233 u sospensjoni ta' sentejn minn kull attivita' tal-A.S.A.;

iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: bhal ufficjal ta' *team*.

c. Jekk l-imputat

i. uza bhala arma, jew tefa', jew miss b'xi oggett li m'huwiex potenzjalment perikoluz (per ezempju, beritta, flixkun tal-plastic, ecc.);

d. Fil-kaz li l-imputat hu

i. *player*: jehel sospensjoni ta' mhux anqas min gimgha sa massimu ta' tlettin gurnata min kull attivita' tal-ASA fil-loghob tal-Age Group; multa ta' Eur 93 fil-loghob iehor, u sospensjoni ta' mhux anqas min gimgha sa massimu ta' tlettin gurnata min kull attivita tal-ASA.

ii. ufficjal ta' *team*: jehel multa ta' Eur 233 u sospensjoni ta' mhux anqas min xhar sa massimu ta' hames xhur min kull attivita' tal-A.S.A.;

iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: bhal ufficjal ta' team

**iii. Attentat ta' Uzu ta' xi Oggett**

a. Jekk l-imputat ittanta li jaghmel l-offiza msemmija fl-artiklu precedenti;

b. Fil-kaz li l-imputat hu

i. *player*: jehel multa ta' Eur 233 u sospensjoni ta' hmistax il-gurnata min kull attivita tal-ASA;

ii. ufficjal ta' *team*: jehel multa ta' Eur 233 u sospensjoni **ta' mhux anqas min tlettt xhur sa massimu** ta' sena minn kull attivita' tal-A.S.A.;

iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: bhal ufficjal ta' *team*.

**c**. Jekk l-imputat ittanta li jaghmel l-offiza msemmija fl-artiklu ii (c) precedenti;

d. Fil-kaz li l-imputat hu

i. *player*: jehel sospensjoni ta' hmistax il- gurnata minn kull attivita' tal-A.S.A fil-loghob tal-Age Group; multa ta' Eur 70 u sospensjoni ta' gimgha minn kull attivita' tal-A.S.A fil-loghob iehor;

ii. ufficjal ta' *team*: multa ta' Eur 116 u sospensjoni sa massimu ta' xhar minn kull attivita' tal-A.S.A.,

iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: bhal ufficjal ta' team

**iv. Brutalita' jew Attentat ta' Brutalita' - ara regolament internazjonali WP21.11**

a. Jekk l-imputat

i. uza vjolentement kwalunkwe parti ta' gismu (saqajh, idejh, rasu, snienu, ecc), jew

ii. kien kagun li xi ufficjal ta' *team*, membru tal-Kumitat ta' *Club* jew spettatur spicca fl-ilma, jew

iii. tefa' (u laqat) xi oggett li huwa potenzjalment perikoluz jew li jista' jikkawza spregju, jew

iv. miss b'xi oggett li huwa potenzjalment perikoluz jew li jista' jikkawza spregju;

b. Fil-kaz li l-imputat hu

i. *player*: jehel sospensjoni ta' tlett loghbiet fil-loghob tal-Age Group; u multa ta' Eur 200 u sospensjoni ta' zewg loghbiet fil-loghob liehor;

ii. ufficjal ta' *team*: jehel multa ta' Eur 300 u sospensjoni ta' mhux anqas min sitt xhur sa massimu ta' sentejn minn kull attivita' tal-A.S.A.;

iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: bhal ufficjal ta' *team*.

c. Fil-kaz li r-reat ikun Attentat ta' Brutalita'

i. *player*: jehel sospensjoni ta' zewg loghbiet fil-loghob tal-Age Group; u multa ta' Eur 150 u sospensjoni ta' loghba wahda fil-loghob liehor;
ii. ufficjal ta' team u membru tal-kumitat ta' Club l-istess bhal b(ii) u b(iii).

**v. Loghob Vjolenti**

a. Jekk l-imputat

i. waqt il-loghba agixa' jew ipprova jagixxi b' tali mod u manjiera li dan lis-stess agir ikkawza jew seta' jikkawza feriment fuq il-player avversarju tieghu u li ghalhekk jitkecca mir-referee ghall-kumplament tal-loghba "with substitution"; jew

ii. waqt il-loghba kien aggressiv kontinwament u li b'dan lis-stess agir seta' jikkawza feriment fuq il-player avversarju tieghu u li ghalhekk jitkecca mir-referee ghall- kumplament tal-loghba "with substitution"

b. Fil-kaz li l-imputat hu

i. *player tal-Age Group*: jehel sospensjoni ta' loghba fil-loghob tal-Age Group
ii. kull player iehor: jehel Eur 70

*Spjegazjoni: ghall-iskop ta' dan l'artiklu il-frazi "b'mod vjolenti" u l-kelma "attakka"ifissru meta player imur ghal ballun jew jiddefendi il-lasti b'mod goff jew goff hafna li jista' jikkaguna feriment u li jimmur kontra r-regolamenti tal-water polo.*

**vi. Mgieba Hazina u Aggressiva**

a. Jekk l-imputat

i. gab ruhu b'mod aggressiv fil-konfront ta' xi ufficjal ta' *team*, membru tal-Kumitat ta' *Club*, jew spettatur, jew
ii. xarrab lil xi ufficjal ta' *team*, membru tal-Kumitat ta' *Club* jew spettatur, jew
iii. hedded, jew
iv. immalafama, jew
v. bezaq fid-direzzjoni ta' xi ufficjal ta' *team*, membru tal-Kumitat ta' *Club* jew spettatur (sew jekk laqtu jew ma laqtux), jew

b. Fil-kaz li l-imputat hu

i. *player*: jehel sospensjoni ta' mhux anqas min gimgha sa massimu ta' tlettin gurnata min kull attivita tal-ASA fil-loghob tal-Age Group; multa ta' Eur 93 u sospensjoni ta' mhux anqas min gimgha sa massimu ta' tlettin gurnata min kull attivita tal-ASA fil-loghob liehor.
ii. ufficjal ta' *team*: jehel multa ta' Eur 233 u sospensjoni ta' mhux anqas min xhar sa massimu ta' hames xhur min kull attivita' tal-A.S.A.;
iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: jehel multa ta' Eur 350 u sospensjoni ta' mhux anqas min xharejn sa massimu ta' sena minn kull attivita' tal-A.S.A.;

**vii. Insolenza, Oxxenita, Gesti u Rimarki**

a. Jekk l-imputat

i. kien insolenti, jew
ii. ghadda rimarki, jew
iii. tkellem oxxen jew vulgari, jew
iv. ghamel gesti jew mossi, jew

b. Fil-kaz li l-imputat hu

i. *player*: jehel sospensjoni ta' loghba fil-loghob tal-Age Group; multa ta' Eur 50 fil-loghob liehor;
ii. ufficjal ta' *team*: jehel multa ta' Eur 100 u sospensjoni ta' seba ti-jiem minn kull attivita' tal-A.S.A.;
iii. membru tal-kumitat ta' *Club*: multa ta' Eur 150 u sospensjoni ta' hmistax il-gurnata minn kull attivita' tal-A.S.A.

**viii. Insolenza, ecc., meta dawn Jikkonstitwixxu Att Gravi**

a. Dawn jikkonstitwixxu att gravi meta l-imputat li jaghmel l-offizi ikkontemplati fl-artiklu precedenti bihom seta' kien ta' esempju hazin jew zeblah l-isem tal-loghoba tal-water polo jew l-isport tal-ghawm jew jaghmel gesti jew mossi vulgari jew offensivi bhala disrispett lejn xi hadd partikolari.

b. Fil-kaz li l-imputat hu

i. *player*: jehel sospensjoni ta' mhux anqas min gimgha sa massimu ta' tlettin gurnata min kull attivita' tal-ASA fil-loghob tal-Age Group; multa ta' Eur 100 u sospensjoni ta' mhux anqas min gimgha sa massimu ta' tlettin gurnata min kull attivita tal-ASA.

ii. ufficjal ta' *team*: multa ta' Eur 150 u sospensjoni ta' mhux anqas min gimaghtejn sa massimu ta' tlett xhur minn kull attivita' tal-A.S.A.;

vi. membru tal-kumitat ta' *Club*: multa ta' Eur 190 u sospensjoni ta' mhux anqas min xhar sa massimu ta' sitt xhur minn kull attivita' tal-A.S.A.

**ix. Incitament u Provokazjoni u/jew Uzu ta' Kliem Vulgari u Oxxen**

a. Player li jincita' u/jew ipprovoka lis-supporters avversarji,

i. bl-agir tieghu waqt il-loghoba,

ii billi insolent u/jew ghadda rimarki u/ jew ghamel gesti jew mossi offensivi lejm is-supporters avversarji,

iii billi resaq fuq in-nahha tal-players avversarji u/jew tas-supporters avversarji.

b. Jekk ma jkunx hemm reazzjoni ghal provokazzjoni, jew ir-reazzjnoi tkun minima: fil-kaz li l-imputat hu

i. *player:* jehel multa ta' Eur 120

ii. ufficjal: jehel multa ta' Eur 200 u sospensjoni ta' hmistax il-gurnata min kull attivita tal-ASA

iii membru tal-kumitat tal-club: jehel multa ta' Eur 350 u sospensjoni ta' xhar min kull attivita tal-ASA

c. Jekk jkun hemm reazzjoni ghal provokazzjoni, u ir-reazzjoni tkun qawwja: Fil-kaz li l-imputat hu

i. *player:* jehel multa ta' Eur 250 u sospensjoni ta'hmistax il-gurnata min kull attivita tal-ASA.

ii. ufficjal: jehel multa ta' Eur 500 u sospensjoni ta' erba gimghat min kull attivita tal-ASA

iii. membru tal-kumitat ta' club: jehal multa ta' Eur 700 u susopensjoni ta' sitt xhur min kull attivita tal-ASA.

d. Jekk l'Incitament u l-Provokazjoni w l-Uzu ta' Kliem Vulgar w Oxxen isir mil players u/jew mil ufficjali tal-Club specjalment immedjatament qabel, waqt jew wara xi presentazjoni, kull individwu li ismu jkun fuq il-line-up jehel multa ta' Eur 60.

## ARTIKLU 3. OFFIZI MINN *SUPPORTERS*

**i. Vjolenza u Offizi Relatati**

a. Jekk *supporter/s*, fil-konfront ta' ufficjali tal-A.S.A. jew ta' ufficjali ta' *team*, jew ta' membri tal-kumitat ta' *Club*, jew *player*,

i. ikunu aggressivi, jew

ii. jaghmlu atti ta' vjolenza, jew

iii. jheddu, jew

iv. jobzqu, jew

v. jintimidaw,

b. Jekk l-offiza li ssir ma tkunx ta' natura gravi, il-*Club* li ghalih is-*supporter/s* ikunu qed jippartegjaw jehel

i. multa ta' Eur 233 u

ii. minn ammonizzjoni sa penalizzazzjoni ta' mhux aktar minn 4 punti.

c. Jekk l-offiza li ssir tkun ta' natura gravi u serja, il-*Club* li ghalih is-*supporter/s* ikunu qed jippartegjaw jehel

i. multa ta' Eur 930, u

ii. sospensjoni sa l-ahhar ta' l-istagun, u

iii. fl-istagun ta' wara il-*Club* jigi relegat ghal divizjoni inferjuri. Fil-kaz li ma jkunx possibli li t-*team* jigi relegat, it-*team* jibda' l-kompetizzjoni tal-istagun ta' wara b'hames punti mnaqqsa.

**ii. Offizi fir-*Restricted Area* u/jew fil-V.I.P. *Area***

Jekk l-offizi msemmija fl-artiklu precedenti isiru fir-*Restricted Area* u/jew fil-V.I.P. *Area*, il-*Club* li ghalih is-*supporter/s* ikunu qed jippartegjaw jehel pieni kif stipulat fl-istess artiklu, bil-kundizzjoni li l-incident jitqies li hu ta' gravita akbar.

**iii. Hsara**

